MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 63/2013

**Mario Bezzina**

**-vs-**

**Direttur Ġenerali Direttorat għal Servizzi Edukattivi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Mario Bezzina ppreżentat fid-9 t'Awissu 2013 li permezz tiegħu r-rikorrent ippremetta:

Illi fis-sajf tal-2003 l-attur ġie Malta minn Tuneż u daħal jaħdem bħala għalliem ġewwa l-iskola Sekondarja tas-subien tal-Gżira.

Illi d-dipartiment naqas li jipproteġi lill-attur wara li ismu ġie mtebba b'għajdut falz li xtered fuqu bejn komponenti tad-dipartiment fejn kien qed jaħdem. Dan għaliex il-persuni fl-awtorita' mhux dejjem imxew mal-proċeduri stabbiliti,

skond id-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok A, u bl-aġir tagħhom illeċitu komplew xerrdu l-għajdut falz.

Illi wara li l-attur tkellem mas-superjuri tiegħu b'kundizzjoni ta' kunfidenzjalita' dwar ħwejjeg li kellom jiġu rrapurtati, id-diskors li qalilhom ġie żvelat lill-persuni konċernati, proprju lil dawk li ried jaħdem magħhom.

Illi d-Dipartiment naqas li jipproteġi lill-attur bħala informatur meta Bridget Pavia u Michele Debono, għalliema li ħadmet ukoll fic-*child safety services*, bdew jiffirmaw li kienu preżenti għax-xogħol meta fil-fatt kienu assenti bis-*sick leave*. Dan kienu jagħmluh meta jirritornaw għax-xogħol fil-jiem ta' wara li jkunu bagħtu *text message* illi huma *sick*.

Illi l-fatt li wieħed mid-diretturi kien talab lil Ms. Rose Falzon, impjegata *part-time* biex tagħmel *supervision support* psikoloġiku ma' xi ħaddiema fid-departiment għas-servizzi lill-istudenti fosthom l-attur, biex taghmel *assessment* fuq l-attur sabiex tara jekk l-attur għandux tendenzi pedofili, ikkonfermat illi l-ħsara kienet ġja' saritlu.

Illi tant kien negattiv l-għajdut kontra l-attur illi Silvio Spiteri, li kien jaħdem fl-*anti-substance section* fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, kien sema' li l-attur kien sejjer jitkeċċa mis-servizz. Frances Anne Borg Orland, kollega fid-Dipartiment ma' Silvio Spiteri, u Daniela Mercieca, psikoloġista, qalu hekk ukoll.

Illi Bridget Pavia, Carmen Galea u Rita Galea minn jeddhom jew ghax kienu imqabbda minn Dr Cecilia Borg, Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, kisbu u ġabru tagħrif fuq l-attur. Dan il-*modus operandi* mhux mod leċitu u regolari ta' kif għandhom jaġixxu uffiċjali tad-Dipartiment. Il-Policy ta' Child Abuse kienet tistipula O'Kelly ssir permezz ta' gwida ċara, ċjoe' d-Direttur Ġenerali jitlob lill-Agenzija Appoġġ biex jinvestigaw huma.

Illi fis-sena 2008/2009 l-attur applika għall-ewwel darba għal post ta' *Assistant Head*. Minħabba l-għajdut kontrih, kif ukoll għax tniżżel tagħrif żbaljat fil-file tiegħu, liema

tagħrif skorrett irrendih mhux eliġibli biex jitqies fil-mili ta’ post ta’ *Assistant Head* billi ġie negat illi huwa wettaq xogħol mit-22 ta’ Settembru 2005 ’il quddiem bħala *Child Safety Officer*, minkejja li jeżistu provi konkreti dwar dan.

Illi l-inserzjoni ta’ minuta fil-*file* tiegħu illi huwa ma kienx baqa’ jaħdem bħala *Child Safety Officer* għax mar jaħdem fi skola ma setgħetx kienet ħaġa aċċidentali.

Illi l-malafama kienet saret minkejja li d-Dipartiment kellu mezzi biex ixejjinha, izda l-attur ra l-applikazzjoni tiegħu tiġi rrifjutata għal sentejn wara xulxin.

Illi d-Dipartiment naqas li jżomm responsabbli lill-persuni li kienu mmalafamaw lill-attur.

Illi d-Dipartiment kiser il-kunfidenzjalita’ meta Carmen Galea, *school counsellor*, li ħadmet għal sena flimkien mal-attur fic-*Child Safety Services*, u Bridget Pavia, għalliema li wkoll ħadmet għal ħames snin fic-*Child Safety Services*, ġew mhux biss infurmati dwar l-allegazzjonijiet li saru dwarhom mill-attur, iżda wkoll ġew murija partijiet min-noti tal-attur li kienu jirrigwardjaw lilhom.  B’hekk id-Dipartiment espona lill-attur għal proċeduri kontrih u dan bi ksur tas-sigriet professjonali.

Ili d-Dipartiment mexxa nvestigazzjoni, fejn uħud ġew avviċinati minn qabel biex jostru ċerta nformazzjoni.

Illi d-Dipartiment naqas li jipproteġi lill-attur minn *harassement* li ġie sottopost għalih minħabba d-dell ikrah li ntefa’ fuqu.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li fil-konfront tal-esponent kien hemm vjolazzjoni taħt l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem billi huwa ġie soġġettat għal trattament inuman u degretarnti;

2. Tiddikjara li fil-konfront tal-esponent kien hemm vjolazzjonijiet taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem billi huwa ġie preżunt ħati ta' għemil ħażin mingħajr ebda *'due access'* u ma ma nghata l-opportunita' biex iwieġeb għall-akkużi;

3. Tiddikjara li fil-konfront tal-esponent kien hemm vjolazzjonijiet taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

4. Tagħtih kumpens xieraq għat-tbatiija li sofra u għall-vjolazzjonijiet l-oħra lamentati u tordna li huwa jitqiegħed fil-pożizzjoni li kien ikun fiha li kieku qatt ma ġie sottopost għat-trattament inum u degretanti u qatt ma ġie preżunt ħati ta' għemil ħazin.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur Ġenerali Dipartiment tal-Edukazzjoni (*recte* Direttorat Għal Servizzi Edukattivi) li eċċepixxa:

Illi fl-ewwel lok jibda billi jingħad li l-intimat ġie mħarrek ħażin, għaliex fil-verita' ma jeżisti l-ebda Dipartiment tal-Edukazzjoni iżda jeżisti biss id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi. Għalhekk ir-rikorrent għandu jitlob il-korrezzjonijiet meħtieġa kif kontemplat fl-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex l-okkju tal-kawża jinqara kif suppost;

Illi b'daħla preliminari wkoll, l-esponent sinċerament qajla jista' jifhem mill-espożizzjoni tal-fatti kif din ġiet riprodotta fir-rikors kostituzzjonali, x'inhi n-natura u l-grad tal-ilmenti kostituzzjonali tar-rikorrent. Għalkemm ir-rikorrent fit-talba finali tiegħu jsostni li huwa ġarrab għadd ta' vjolazzjonijiet ta' jeddijiet fundamentali li huma mħarsa kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea, huwa ma jfissirx b'mod intelliġibli u linejari kif il-fattispeċji indikati minnu fir-rikors kostituzzjonali jaqgħu fl-ambitu tad-diversi drittijiet fundamentali nvokati minnu. Minn dan il-lat, ma jidhirx li r-rikorrent issodisfa l-ħtieġa li jabbina l-fatti mal-

ilmenti kostituzzjonali tiegħu, hekk kif jistipula r-regolament 3 (1) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qorti u l-Bon Ordni (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09);

Hekk per eżempju għalkemm ir-rikorrent jinsinwa li huwa ġie preżunt ħati ta' għemil ħażin mingħajr proċess xieraq huwa jonqos milli jindika liema kienet dik id-deċiżjoni li suppost sabitu ħati ta' għemil illeċitu. Hekk ukoll, ir-rikorrent jonqos milli jfisser kif u b'liema mod id-Direttorat interferixxa fil-ħajja privata tiegħu u partikolarment kif l-imsemmi Direttorat allegatament esponih għal trattament inuman u degradanti. Taħt dan il-profil għalkemm ir-rikorrent jallega li d-Direttorat ma tahx kenn kontra l-għajdut malafamanti li kien qiegħed jinxtered kontrih, huwa ma jfissirx b'liema mod dan in-nuqqas min-naħa tad-Direttorat allegatament kiser jew hedded id-drittijiet fundamentali tiegħu;

Tabilħaqq in-nuqqas ta' ness bejn l-allegati vjolazzjonijiet kostituzzjonali u konvenzjonali mqanqla mir-rikorrent mal-fatti msemmija fir-rikors kostituzzjonali, kompliċi wkoll ta' nuqqas ta' kjarezza fil-ħsieb fil-mod kif ġie mfassal ir-rikors kostituzzjonali, għamluha ferm diffiċli għall-esponent biex ikun jista' jwieġeb b'mod sħiħ għal din il-kawża, b'dana li ħafna mill-kontenut ta' din ir-risposta huwa msejjes fuq suppożizzjonijiet ta' x'hiex l-esponent jaħseb li huma l-ilmenti tar-rikorrent;

Fiċ-ċirkostanzi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti jirriżerva d-dritt li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ, wara li l-ilmenti tar-rikorrenti jiġu mfissra aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi dejjem b'xejra preliminari, l-esponent ma jistax ma jikkummentax ukoll li l- fatti ewlenija msemmija mir-rikorrent fir-rikors kostituzzjonali tiegħu jmorru lura għal ġrajjiet li seħħew fis-sena 2008. F'din il-qagħda, ma hemmx dubju li l-mogħdija taż-żmien iddgħajjef mhux ftit is-serjetà u s-siwi tal-ilmenti tar-rikorrent. Mhux hekk biss, l-esponent iħares lejn dan ir-rikors kostituzzjonali b'ċertu perplessita' u sospett għaliex jistagħġeb x'wassal lir-

rikorrenti biex jieħu dawn il-passi ġudizzjarji wara tant żmien;

Illi fi kwalunkwe każ, l-esponent qiegħed jifhem li l-ilment tar-rikorrent huwa mibni (i) fuq il-fatt li d-Direttorat ma għenux fil-ħarsien tar-reputazzjoni tiegħu; (ii) fuq il-fatt li d-Direttorat kixef jew xerred tagħrif kunfidenzjali dwaru bi ksur tas-segretezza professjonali; (iii) fuq il-fatt li huwa sofra *harassment* fuq il-post tax-xogħol; u (iv) fuq il-fatt li huwa ma ngħatax il-kariga ta' *Assistant Head* mill-ewwel. Jekk kemm-il darba dawn huma l-ilmenti tar-rikorrent, allura huwa ċar fil-ħsieb tal-esponent, li r-rikorrent messu qabel ma fetaħ dawn il-proċeduri kostituzzjonali nqeda bir-rimedji mogħtija lilu taħt il-liġi ordinarja;

Tabilħaqq jekk ir-rikorrent ħassu inġurjat b'xi diskors jew għajdut li allegatament kien qed jingħad fuqu minn xi kollegi tiegħu fuq ix-xogħol, huwa kellu kull dritt li jitlob li jittieħdu passi kriminali fit-terminu tal-artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Infatti jekk ir-rikorrent ried li jingħata protezzjoni biex tiġi mħarsa r-reputazzjoni tiegħu, *dato ma non concesso* li huwa tassew ġarrab malafama, huwa seta' faċilment jitlob l-intervent tal-Pulizija Eżekuttiva;

Imbagħad dwar l-allegat kxif ta' sigriet professjonali, ir-rikorrent seta' wkoll jekk ried talab għat-tmexxija ta' proċeduri kriminali skont l-artikolu 257 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li dwar ix-xilja ta' fastidju (*harassment*) huwa seta' wkoll jissokta bi proċeduri kriminali kif jiddisponi l-artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-aħħarnett dwar l-ilment li huwa ma ngħatax il-kariga ta' *Assistant Head* mill-ewwel minħabba allegati preġudizzji kontrih, ir-rikorrent dejjem seta' kieku ried ressaq petizzjoni kontra r-riżultat quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif imfisser fir-regolament 17 tar-Regolamenti dwar il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja 0.02) u fir-regolament 1.1.17 tal-Public Services Management Code. Barra minn hekk, jekk ir-rikorrent iħoss li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma mxietx sew miegħu, huwa seta' wkoll

imexxi azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju kif dixxiplinat fl-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Minn dan kollu joħroġ ċar li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji biżżejjed effikaċji u tajbin biex jindirizzaw l-ilmenti kollha tiegħu, b’dana li ma kienx opportun li r-rikorrent idur mill-ewwel fuq l-azzjoni kostituzzjonali;

F’dan l-ambitu, bilkemm għandu għalfejn jingħad li proċeduri ta’ bixra straordinarja bħalma huma kawżi kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex jieħdu post il-proċeduri ordinarji li kellhom u setgħu jiġu prospettati primarjament. Inkella minflok immorru quddiem il-fora ordinarji nibdew nipproċedu mill-ewwel quddiem il-Qrati Kostituzzjonali – ħaġa li tmur lilhinn mill-iskop tal-proċeduri kostituzzjonali. Għalhekk fid-dawl ta’ dan in-nuqqas ta’ eżawriment tar-rimedji ordinarji, l-esponent qiegħed umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, dwar l-ilment fuq ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent iwieġeb bl-aktar mod kategoriku li d-Direttorat bl-ebda mod u taħt l-ebda ċirkostanza ma espona jew assoġġetta lir-rikorrent għal xi trattament inuman jew degradanti;

Fi kwalunkwe każ anke minn qari ħafif tar-rikors kostituzzjonali jinżel ċar li din ix-xilja hija għal kollox fiergħa u barra minn lokha għaliex mir-rikors ma jirriżultax li r-rikorrent irċieva xi trattament ta’ intensita’ daqstant gravi li jqarreb ma’ trattament inuman jew degradanti, kif mifhum u interpretat fil-ġurisprudenza lokali u anke dik barranija. Ċertament l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti marbuta mar-reputazzjoni tiegħu, taħt l-ebda tiġbid ta’ immaġinazzjoni ma jistgħu jitqiesu bħala xi forma ta’ trattment inuman u degradanti, aktar u aktar meta wieħed iqis li ċ-ċensura tar-rikorrent lejn id-Direttorat tikkonsisti biss fuq il-fatt li d-Direttorat ma pproteġihx biżżejjed kontra

dak l-għajdut li allegatament kien qiegħed idur fuqu u mhux li d-Direttorat stess kien qiegħed jinġurjah b'diskors maħsub biex iwaqqa' l-ġieħ tiegħu;

Minn din il-perspettiva apparti li strettament ma kienx id-Direttorat li bil-liġi huwa responsabbli mill-ħarsien tar-reputazzjoni tar-rikorrent, tajjeb li jingħad li d-Direttorat, kif anke sejjer jiġi spjegat aktar 'il quddiem dejjem aġixxa b'għaqal u prudenza u għalhekk huwa taħt l-ebda ċirkostanza ma jista' jiġi mixli jew misjub responsabbli li kkaġuna xi forma ta' *severe suffering* mentali jew fiżiku lir-rikorrent. Jiġi b'hekk li l-lanjanza tar-rikorrent abbażi tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ma hijiex ġustifikata u wisq anqas mistħoqqa;

Illi safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq allegazzjoni ta' ksur ta' smigħ xieraq, kif imħares bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, għaliex huwa jgħid li nstab ħati ta' għemil ħażin mingħajr ebda *'due process'*, l-esponent jirrispondi li huwa frankament ma jistax jifhem kif dan il-jedd seta' qatt ġie miksur, meta wieħed iqis li d-Direttorat intimat mhux biss qatt ma sab lir-rikorrent ħati ta' xi ħaġa iżda lanqas biss ħa passi jew nieda xi proċeduri tal-ebda tip kontra tiegħu. Għalhekk fl-assenza ta' proċeduri dixxiplinari jew amministrattivi wieħed ma jista' jitkellem fuq ebda ksur ta' *'due process'* jew ta' *'audi alterem partem'*;

Fi kwalsiasi każ l-ilment tar-rikorrent huwa konċettwalment u ġuridikament ħażin għaliex id-Direttorat intimat ma huwiex qorti jew tribunal li għalih jgħoddu d-dispożizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, bħalma lanqas ma jagħti deċiżjonijiet vinkolanti u li jorbtu. Magħdud ma' dan, fil-każ odjern id-Direttorat la ddetermina jeddijiet jew obbligi ċivili tar-rikorrent u wisq aktar ma ddetermina xi akkuża kriminali li kienet tolqtu. Isegwi għalhekk li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea lanqas biss ma huma applikabbli;

Illi dwar l-aħħar ilment tar-rikorrent, marbut mal-jedd tal-privatezza kif protett taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni

Ewropea, l-esponent josserva li r-rikorrent ma elabora xejn dwar din ix-xilja. Tassew imkien fir-rikors kostituzzjonali ma ġie spjegat b'liema mod id-Direttorat intimat indaħallu fi ħwejġu jew fil-ħajja privata tiegħu jew tal-familja tiegħu. Għalhekk inkwantu dan l-ilment ma ġiex suffiċjentement imfisser, dan għandu jiġi mwarrab ukoll;

Illi madankollu biex l-argument ikun sħiħ, id-Direttorat intimat assolutament jiċħad bħala fatt li huwa ndaħal jew ħa xi miżuri biex jikkomprometti jew ifixkel il-ħajja privata jew tal-familja tar-rikorrent;

Illi dejjem mingħajr ħsara għal dak li ngħad aktar kmieni, dwar ċertu allegazzjonijiet ta' fatt u ta' proċedura li ġew imsemmija mir-rikorrent tul ir-rikors kostituzzjonali, l-esponent għandu dan xi jgħid għar-rigward: -

Fl-ewwel lok iċ-*Child Protection Procedures For School* maħruġ mill-Ministeru tal-Edukazzjoni fl-1999, li estratt minnu ġie esibit mir-rikorrent f'Dok. A mar-rikors kostituzzjonali, ma jsib ebda applikazzjoni għal dan il-każ billi dan id-dokument huwa intiż biss biex jispeċifika dwar kif għandhom jiġu mħarsa l-interessi u l-jeddijiet tat-tfal. Barra minn hekk, is-silta minn dan id-dokument li ġiet mehmuża mar-rikors kostituzzjonali tikkonċerna sitwazzjonijiet meta jkun hemm allegazzjonijiet li xi membru tal-i*staff* ikun wettaq xi abbużi. F'dan il-każ id-Direttorat qatt ma rċieva lmenti fis-sens li r-rikorrent jew xi ħaddieħor mill-i*staff* kien qiegħed iwettaq xi abbużi. B'hekk ma kinux jeżistu l-estremi u ċ-ċirkostanzi għalbiex tiġi adoperata l-proċedura indikata f'dan id-dokument;

Illi mhuwiex minnu li d-direttorat xerred xi għajdut falz fuq ir-rikorrent bħalma lanqas ma huwa veru li d-direttorat ma ppruvax jgħinu. Kulma ġara huwa li fl-ewwel xhur tas-sena 2008, ir-rikorrent ilmenta mad-Direttorat dwar ċertu kollegi tiegħu li kienu jaħdmu fl-istess qasam tiegħu. Billi d-Direttorat kellu l-interess li jżomm l-ordni u l-paċi bejn il-ħaddiema tiegħu fuq il-post tax-xogħol, ġie mqabbad bord intern biex jinvestiga l-ilment imressaq mir-rikorrent. Wara li saru ċertu verifiki, il-Bord ma sabx evidenza li tipprova dak li kien qed isostni r-rikorrent u ċjoe' li l-kollegi tiegħu

kienu qegħdin ixandru xi għajdut fuqu. Ir-rikorrent ġie mgħarraf b'dan l-eżitu iżda apparentement huwa ma kienx sodisfatt bil-konklużjonijiet ta' dan il-Bord u ppretenda wkoll li ma kellhiex għalfejn issir investigazzjoni interna. B'daqshekk imbilli r-rikorrent ma qabilx mar-riżultat jew mal-mod ta' kif mexa d-direttorat, ma jġibx b'hekk li kien hemm leżjonijiet awtomatiċi tad-drittijiet fundamentali tiegħu;

Illi naturalment biex id-Direttorat seta' jinvestiga r-rapport u l-ilment tar-rikorrent bilfors illi kellhom isiru ċertu indaġnijiet u verifiki. B'daqshekk ma ġiet vjolata l-ebda kunfidenzjalita', ma ġiet imxerrda l-ebda malafama u ma ġie mikxuf l-ebda sigriet professjonali;

Illi l-kritika tar-rikorrent li d-Direttorat naqas milli jipproteġih u li anke żvela tagħrif kunfidenzjali dwaru hija kontradittorja fiha nnifisha għaliex kif ippretenda r-rikorrent li d-direttorat jieħu passi fuq ir-rapport tiegħu mingħajr ma jagħmel ebda stħarriġ. Ovvjament ladarba huwa daħħal rapport mad-direttorat dwar l-imġieba ta' kollegi tiegħu u talab li tittieħed azzjoni, kien mistenni li l-istess Direttorat jagħmel ċertu indaġnijiet biex jivverifika r-rapport magħmul mir-rikorrent;

Illi fi kwalunkwe każ, l-istħarriġ imwettaq mil-bord intern imqabbad mid-Direttorat kien wieħed diskret għall-aħħar u bl-ebda mod ma ġie żvelat jew imxerred xi tagħtif kunfidenzjali dwar ir-rikorrent. Infatti dan il-bord staqsa biss mistoqsija ġenerika lill-ħaddiema jekk semgħux b'xi għajdut negattiv mingħand xi ħadd kontra r-rikorrent – mistoqsija għal-liema l-persuni interpellati kollha wieġbu li ma semgħu lil ħadd jgħid kontra r-rikorrent. Fil-mistoqsija la ġew żvelati ismijiet ta' persuni u lanqas deskrizzjonijiet jew tagħrif dwar il-kontenut li r-rikorrent kien qiegħed jissuspetta li kien qiegħed jinxtered;

Illi f'dan il-kuntest ukoll, id-Direttorat intimat jiċħad bil-qawwa kollha li kien hemm xi persuni li kienu ġew avviċinati biex jaħbu l-verita' dwar dak li kien qiegħed jingħad fuq ir-rikorrent. Anzi jiġi rimarkat li din l-akkuża tar-rikorrent hija waħda gravi ferm, biex ma jingħadx ukoll li

tikkostitwixxi malafama minnha nnifisha. Għalhekk id-Direttorat intimat jitlob lir-rikorrent biex jirtira din l-akkuża u anke jitlob apoloġija ta' din l-istqarrija falza;

Illi dwar l-allegazzjoni marbuta mas-*sick-leave* ta' Bridget Pavia u Michelle Debono, id-Direttorat intimat qatt ma rċieva l-ebda ilment formali mingħand ir-rikorrent u dan apparti mill-fatt li l-esponent ma jarax kif din l-allegazzjoni b'xi mod hija konnessa mal-ilmenti kostituzzjonali mqanqla minnu;

Illi d-Direttorat qatt ma qabbad lil Ms. Rose Falzon biex tagħmel *supervision report* psikoloġiku fuq l-attur biex jiġi stabbilit jekk huwa jbatix minn tendenzi pedofili. Kemm hu hekk, id-Direttorat intimat qatt ma kellu suspetti jew irċeva xi rapporti li r-rikorrent kellu dawn it-tip ta' tendenzi. Anzi d-Direttorat dejjem qies lir-rikorrent bħala bniedem idoneju biex iwettaq xogħlijiet mat-tfal tant li aktar tard tqiegħed bħala *Assistant Head* ta' skola. Tassew li kieku d-Direttorat kellu mqar l-iċken dubji dwar il-karattru u l-istabbilita' mentali tar-rikorrent jew li kien ta' perikolu għat-tfal, kieku huwa ma kienx ħa jitħalla jokkupa dik il-kariga;

Illi *multo magis* l-irwol ta' Ms. Rose Falzon ma huwiex li tagħmel *assessments* fuq membri tal-i*staff* fi ħdan is-*Student Services Department* iżda li tassisti u tgħin l-istess *staff* f'ċertu każijiet ta' tfal li jkunu għaddejjin minn problemi partikolari;

Illi d-Direttorat qatt ma kellu l-ħsieb li jkeċċi lir-rikorrent mis-servizz tiegħu, b'dana li kull għajdut li r-rikorrent allegatament sema' mingħand ħaddieħor huwa għal kollox infondat;

Illi hekk ukoll id-Direttorat intimat qatt ma qabbad lil Bridget Pavia, lil Carmen Galea jew lil Rita Galea biex jiġbru xi informazzjoni dwar ir-rikorrent u safejn jaf l-istess Direttorat ma jirriżultalux li dawn il-persuni qagħdu joqogħdu jiksbu u jfittxu tagħrif dwaru;

Illi fis-sena 2008/2009 ir-rikorrent ma ngħatax il-post ta' *Assistant Head* mhux minħabba l-għajdut li allegatament

kien qiegħed jinfirex dwaru iżda peress li huwa ma tqisx eliġibbli għaliex ma kellux żmien biżżejjed ta' servizz biex jieħu dik il-kariga. Infatti meta sentejn wara fl-2011 reġa applika għall-istess kariga, huwa ġie magħżul biex jaqdi bħala *Assistant Head* għaliex sadanittant huwa kien laħaq kellu biżżejjed żmien ta' servizz biex jokkupa dik il-kariga;

Illi marbut sfiq ma' dan, ta' min jgħid li fil-fajl personali tar-rikorrent ma ġiet imdaħħla u ma tinstab l-ebda minuta qarrieqa dwar is-servizz tiegħu. Kulma hemm huwa l-*Post Education Notification Form* tal-24 ta' Settembru 2009 ta' meta r-rikorrent kien talab li mill-Furjana jiġi trasferit fis-sede tal-Ħamrun u d-*Deployment Notification Form* tal-1 ta' Settembru 2011 ta' meta r-rikorrent ġie trasferit biex jaħdem bħala *Assistant Head* fl-iskola Primarja ġewwa Ħal Tarxien; u

Fl-aħħarnett id-Direttorat ma sabx li kienet għaddejja malafama kontra r-rikorrent u għalhekk ma kien hemm xejn x'wieħed jipproteġi – dan naturalment mingħajr preġudizzju għad-dritt tar-rikorrent li jitlob għall-intervent tal-Pulizija. Fi kwalsiasi każ huwa għal kollox inġust li r-rikorrent jadduċi li d-Direttorat mexa ħażin miegħu għaliex apparti li d-Direttorat dejjem aġixxa in bwona fede u bi prudenza kbira, ma jirriżultax li qatt ittieħdu miżuri kontra r-rikorrent, anzi dejjem akkuntentah bħalma meta talab trasferiment u saħansitra anke tah promozzjoni bħala *Assistant Head*. Mhux hekk biss, iżda dan l-aħħar ir-rikorrent ġie wkoll offrut il-kariga ta' *Acting Head*. Għalhekk mhuwiex il-każ li jeżisti xi komplott kontra r-rikorrent u għaldaqstant huwa għandu jserraħ rasu għaliex id-Direttorat għandu impressjoni u stima għolja lejn ir-rikorrent – għalkemm ma jistax jonqos li jiġi pprecizat li d-Direttorat ħassu ferm sorpriż b'dawn il-proċeduri tenut kont li fil-ħsieb tad-Direttorat din il-kwistjoni kienet ilha magħluqa għal diversi snin;

Illi dejjem mingħajr ebda preġudizzju, l-esponent jispiċċa billi jirrileva li anke r-rimedju prospettat mir-rikorrent, dak li jerġa' jitqiegħed fl-*istatus quo ante* l-allegat trattament inuman u degradanti u l-allegata deċiżjoni ta' preżunjoni ta' ħtija, huwa għal kollox fallaċi u improponibbli. Lil hinn

mill-fatt li kif fuq espost la ttieħdet deċiżjoni kontra r-rikorrent u lanqas ma twettaq trattament inuman jew degradanti, l-esponent sinċerament ma jarax kif din it-talba tista' b'xi mod tiġi milqugħa, meqjus li l-passat speċifikament id-diskors li allegatament seħħ fl-2008 u l-passi li dak iż-żmien id-Direttorat kien ħa, ma jistgħux jiġu b'xi mod imħassra daqs li kieku qatt ma ġraw. Hekk ukoll ma jidhirx li hija r-rieda tar-rikorrent li minn *Assistant Head* jerġa' lura għal *Student Services officer.* Jiġi b'dan li dan ir-rimedju mfittex mir-rikorrent huwa għal kollox barra minn loku jekk mhux ukoll fieragħ;

Illi għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu. Peress li fil-fehma umili tal-esponent l-ilmenti mqanqla mir-rikorrent huma ta' natura frivola u vessatorja din il-Qorti hija umilment mistiedna biex jekk tħoss li huwa l-każ tikkunsidra l-applikazzjoni tal-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319;

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet it-trattazzjoni dwar ir-raba' eċċezzjoni tal-intimat;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 t'Ottubru 2013 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar din l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi din eċċezzjoni hija lir-rikorrenti qiegħed *"jabbuża"* mill-proċess Kostituzzjonali *stante* li huwa qed jadopera proċedura stroardinarja bħal dik odjerna meta kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji biex iħares id-drittijiet pretiżi minnu.

Illi din l-eċċezzjoni hija fis-sens lir-rikorrenti kellu għad-dispożizzjoni tiegħu r-rimedji ndikati mill-istess intimat u allura ma kellux jistitwixxi din l-azzjoni. Allura l-intimati qed jeċċepixxu illi l-Qorti għandha tiddeklina milli tkompli

tisma' r-rikors ai termini tal-proviso wara l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u dak l-artikolu 4 (2) tal-Kapitlu 319.

Illi l-proviso ndikat mill-intimati jgħid eżattament hekk:

Illi iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għal ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra. *(Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 jgħid l-istess ħaġa)*.

Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"** (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponidbbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' illegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

*c. Kull każ għandu l-fattispecje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-*

*possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ.*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Philip Spiteri vs Sammy Meilaq"** (deċiża fit-8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li: *meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni.* F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma *'komplessa'* jiżdied il-kliem *'jew inkella imħallta'.*

Illi issa fil-każ in eżami r-rikorrenti m'hemmx dubju li kellu diversi rimedji li ndika l-istess intimat u li l-Qorti mhijiex se toqghod tirrepeti. Madankollu ċertament fir-rigward tal-ewwel rimedju msemmi *ai termini* tal-Kapitolu 9 dan huwa rimedju li tagħti l-liġi kriminali u li tista' *se mai* tirriżulta li tingħata piena lil min jinstab ħati iżda ebda kumpens reali lir-rikorrenti u allura dan ir-rimedju ċertament m'huwiex l-istess bħalma jistgħu jagħtu dawn il-proċeduri.

Illi kwantu għal fatt li setgħet saret petizzjoni lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, l-Qorti ma tarax li dan huwa bħal rimedju li tista' tagħti din il-Qorti għaliex ir-rikorrenti mhuwiex biss qed jilmenta mill-fatt li ġie privat minn promozzjoni iżda wkoll qed jallega ċerti azzjonijiet fil-konfront tiegħu li ma jirrelataw xejn mall-fatt innifsu tal-promozzjoni allegatament negata. Lanqas mas-soluzzjoni *ai termini* tal-artikolu 469A li essenzjalment hija azzjoni biex tiġi attakkata deċiżjoni amministrattiva ma tinkwadra

mal-lanjanzi kollha allegati permezz ta’ dawn il-proċeduri kif ġja’ spjegat.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad din eċċezzjoni tal-intimati u mhijiex ser tirrifjuta li teżerċita s-setgħet tagħha *ai termini* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319; u tordna l-kontinwazzjoni tal-kawża.**

**L-ispejjeż ta’ dan l-inċident jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------